# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## FTEHIM

**tat-13 ta' Diċembru 2010**

**bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jemenda l-Ftehim tas-16 ta' Marzu 2006 bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja**

(2011/C 5/04)

1. **Българска народна банка (Bank Bulgaru Nazzjonali)**
   1, Knyaz Alexander I Sq.
   1000 София/Sofia
   БЪЛГАРИЯ/BULGARIA

   **Česká národní banka**
   Na Příkopě 28
   115 03 Praha 1
   ČESKÁ REPUBLIKA

   **Danmarks Nationalbank**
   Havnegade 5
   1093 København K
   DANMARK

   **Eesti Pank**
   Estonia pst. 13
   15095 Tallinn
   EESTI/ESTONIA

   **Latvijas Banka**
   K. Valdemara iela 2a
   Rīga, LV-1050
   LATVIJA

   **Lietuvos bankas**
   Totorių g. 4
   LT-01121 Vilnius
   LIETUVA/LITHUANIA

   **Magyar Nemzeti Bank**
   Budapest
   Szabadság tér 8-9.
   1054
   MAGYARORSZÁG/HUNGARY

   **Narodowy Bank Polski**
   ul. Świętokrzyska 11/21
   00-919 Warszawa
   POLSKA/POLAND

   **Banca Națională a României**
   Str. Lipscani nr. 25, sector 3
   030031 București
   ROMÂNIA

**Sveriges Riksbank**
Brunkebergstorg 11
SE-103 37 Stockholm
SVERIGE

**Bank of England**
Threadneedle Street
London
EC2R 8AH
UNITED KINGDOM

u

2. **il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**

(minn hawn 'il quddiem il-"Partijiet")

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 1997 (minn hawn 'il quddiem "ir-Riżoluzzjoni") qabel li jistabbilixxi mekkaniżmu għar-rata tal-kambju (minn hawn 'il quddiem "l-ERM II") meta t-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja beda fl-1 ta' Jannar 1999.

(2) Skont it-termini tar-Riżoluzzjoni, l-ERM II huwa mfassal biex jgħin jiżgura li l-Istati Membri barra ż-żona euro li qed jipparteċipaw fl-ERM II jidderieġu l-politika tagħhom lejn l-istabbiltà, jinkoraġġixxu l-konverġenza u b'hekk jgħin lill-Istati Membri barra ż-żona euro fl-isforzi tagħhom biex jadottaw l-euro.

(3) L-Estonja, bħala Stat Membru b'deroga, ilu jipparteċipa fl-ERM II mit-28 ta' Ġunju 2004. Eesti Pank huwa parti mill-Ftehim tas-16 ta' Marzu 2006 bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona euro li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja ([1]), kif emendat bil-Ftehim tal-21 ta' Diċembru 2006 ([2]), bil-Ftehim tal-14 ta' Diċembru 2007 ([3]) u bil-Ftehim tat-8 ta' Diċembru 2008 ([4]) (minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien "il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II").

(4) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/416/UE tat-13 ta' Lulju 2010 bi qbil mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011 ([5]) id-deroga favur l-Estonja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2011. L-euro ser tkun il-munita tal-Estonja mill-1 ta' Jannar 2011 u Eesti Pank m'għandux jagħmel aktar parti mill-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II b'effett minn dik id-data.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ illi jiġi emendat il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II biex tiġi kkunsidrata r-revoka tad-deroga favur l-Estonja,

QABLU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Emenda tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II minħabba r-revoka tad-deroga tal-Estonja**

Eesti Pank m'għandux jagħmel aktar parti mill-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

*Artikolu 2*

**Sostituzzjoni tal-Annessi I u II tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II**

L-Anness II tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan il-Ftehim.

([1]) ĠU C 73, 25.3.2006, p. 21.
([2]) ĠU C 14, 20.1.2007, p. 6.
([3]) ĠU C 319, 29.12.2007, p. 7.
([4]) ĠU C 16, 22.1.2009, pġ. 10.
([5]) ĠU L 196, 28.7.2010, p. 24.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Dan il-Ftehim jemenda l-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja bl-Ingliż u debitament iffirmat mir-rappreżentanti awtorizzati tal-Partijiet. Il-BĊE, li għandu jżomm il-Ftehim oriġinali, għandu jibgħat kopja ċċertifikata tal-Ftehim oriġinali lil kull bank ċentrali nazzjonali taż-żona euro kif ukoll lil dawk barra ż-żona euro. Dan il-Ftehim għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fit-13 ta' Diċembru 2010.

Għal

**Българска народна банка/Bank Nazzjonali Bulgaru**

..........................................

Għal

**Česká národní banka**

..........................................

Għal

**Danmarks Nationalbank**

..........................................

Għal

**Eesti Pank**

..........................................

Għal

**Latvijas Banka**

..........................................

Għal

**Lietuvos bankas**

..........................................

Għal

**Magyar Nemzeti Bank**

..........................................

Għal

**Narodowy Bank Polski**

..........................................

Għal

**Banca Națională a României**

..........................................

Għal

**Sveriges Riksbank**

..........................................

Għall-

**Bank of England**

..........................................

Għall-

**Bank Ċentrali Ewropew**

..........................................

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**LIMITI MASSIMI APPLIKABBLI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-FAĊILITÀ TA' FINANZJAMENT GĦAL ŻMIEN QASIR ĦAFNA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 8, 10 U 11 TAL-FTEHIM TAL-BANK ĊENTRALI DWAR L-ERMII**

**b'effett mill-1 ta' Jannar 2011**

*(miljuni f'EUR)*

| Banek ċentrali partijiet ta' dan il-Ftehim | Limiti massimi [1] |
|---|---|
| Българска народна банка/Bank Nazzjonali Bulgaru | 530 |
| Česká národní banka | 710 |
| Danmarks Nationalbank | 720 |
| Latvijas Banka | 340 |
| Lietuvos bankas | 380 |
| Magyar Nemzeti Bank | 690 |
| Narodowy Bank Polski | 1 800 |
| Banca Națională a României | 1 030 |
| Sveriges Riksbank | 960 |
| Bank of England | 4 840 |
| Bank Ċentrali Ewropew | xejn |

[1] L-ammonti indikati huma biss indikattivi għall-banek ċentrali li ma jipparteċipawx fl-ERM II.

| Banek ċentrali nazzjonali taż-żona euro | Limiti massimi |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | xejn |
| Deutsche Bundesbank | xejn |
| Eesti Pank | xejn |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | xejn |
| Bank of Greece | xejn |
| Banco de España | xejn |
| Banque de France | xejn |
| Banca d'Italia | xejn |
| Central Bank of Cyprus | xejn |
| Banque centrale du Luxembourg | xejn |
| Bank Ċentrali ta' Malta | xejn |
| De Nederlandsche Bank | xejn |
| Oesterreichische Nationalbank | xejn |
| Banco de Portugal | xejn |
| Banka Slovenije | xejn |
| Národná banka Slovenska | xejn |
| Suomen Pankki | xejn" |